MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 471/2004

**David u Josephine konjugi Mifsud**

**vs**

**Peter Axisa u Sandra Axisa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Gunju 2004, pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponew: -

Illi l-konvenuta Sandra Axisa agixxiet fl-interess esklussiv u bhala *prestanome* tal-attur David Mifsud, u kitbet zewg muturi bin-numri GAQ-787 u MNM-017 rispettivament fis-17 ta' Awwissu 1999, u fit-22 ta' Mejju 2001 fuq isimha;

Illi missier il-konvenuta, il-konvenut Peter Axisa dawwar il-muturi minn fuq isem bintu ghal fuq ismu, u permezz ta' ittra Dok. A tat-23 ta' April 2004, talab lill-attur David Mifsud biex jikkonsenjalu l-muturi;

Illi l-attur David Mifsud jixtieq illi l-proprjeta` tal-muturi *de quo* iddur fuq ismu;

Illi l-atturi interpellaw lill-konvenut Peter Axisa tersaq sabiex il-muturi jduru fuq isem l-attur David Mifsud, izda l-konvenuta baqghet inadempjenti;

Tghid il-ghaliex il-konvenuta din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuta Sandra Axisa agixxiet fl-interess esklussiv u bhala *prestanome* tal-attur David Mifsud u kitbet zewg muturi bin-numri GAQ-787 u MNM-017 fuq isimha, liema muturi huma proprjeta` tal-atturi;

2. Tikkundanna lill-konvenut Peter Axisa sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti, jaddivjeni ghall-atti kollha utli u necessarji sabiex il-proprjeta` tal-imsemmija muturi ddur fuq isem l-attur David Mifsud, u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumacja tal-konvenut Peter Axisa.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 5 ta' Novembru 2004 (fol 26) fejn esponew illi :

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni *rationae valoris* din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeciedi l-vertenza proposta mill-atturi *stante* li l-valur tal-muturi *de quo* ma jammontax ghal aktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u li ghalhekk tali vertenza taqa' esklussivament fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Inferjuri;

2. Preliminarjament ukoll, illi l-konvenut Peter Axisa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu hija biss il-konvenuta Sandra Axisa li fic-citazzjoni intalbet tirrispondi ghat-talbiet tal-atturi;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-konvenut Peter Axisa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi u qatt ma ippartecipa f'ebda ftehim mal-atturi;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li kull arrangament bejn l-attur u l-konvenuta intiz fl-ambitu tal-konkubinagg taghhom ma kellux kawza lecita u ghalhekk ma jistax iservi biex jintlaqghu l-istess talbiet tal-atturi;

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kieku l-fatti kienu kif allegat mill-atturi, t-talbiet taghhom kienu jkunu wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-ftehim ta' 'prestanome' allegat kien ikun intiz biss biex jelludi d-drittijiet tal-attrici Josephine Mifsud u b'hekk kien jippekka in kwantu ma jkollux kawza lecita u ghalhekk ma jistax iservi biex jintlaqghu t-talbiet tal-atturi;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-muturi *de quo* mhumiex proprjeta` esklussiva tal-attur ghax inxtraw mill-konvenuta Sandra Axisa u David Mifsud flimkien fil-kors tar-relazzjoni twila ta' konkubinagg bejniethom;

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-rikors ta' Peter Axisa u Sandra Axisa datat 18 ta' Lulju 2006 (fol 69) fejn talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-isfilz tal-affidavit ta' David Schembri taht kull provvediment opportun; u l-Qorti kif diversament presjeduta rat ir-risposta datata 22 ta' Awwissu 2006, u bid-digriet taghha tal-1 ta' Settembru 2006 (fol 74) laqghet it-talba u ordnat it-tnehhija tal-imsemmi affidavit (Dok MP) mill-atti tal-kawza.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-5 ta' Gunju 2007.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi David u Josephine Mifsud datata 22 ta’ Mejju 2007 a fol 106 et seq tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuti pprezentata *seduta stante* fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2007 a fol 117 et seq tal-process.

Rat il-verabal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur mghejjun minn Dr. Michael Psaila, u Peter Axisa mghejjun minn Dr. Anna Mifsud Bonnici. L-Avukati tal-partijiet iddikjaraw li l-kawza tithalla ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007; u rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti kif diversament presjeduta inkluz dak tas-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma s-segwenti. David Mifsud waqt li kien separat *de facto* minn martu, beda relazzjoni mal-konvenuta Sandra Axisa, mil-liema eventwalment kellhom zewgt itfal. Din ir-relazzjoni intemmet f'Gunju tas-sena 2002 . F'dan il-perjodu nxtraw zewg muturi u cioe` *Piaggio Typhoon* 125, bin-numru ta' registrazzjoni GAQ - 787 u *Suzuki* GSX-R750 bin-numru ta' registrazzjoni MNM-017. It-tnejn gew registrati f'isem Sandra Axisa. Wara li temmew ir-relazzjoni taghhom, dawn il-muturi nqalbu minn fuq isem Sandra Axisa ghal fuq isem missier Sandra Axisa, il-konvenut Peter Axisa.

Illi b'din il-kawza, l-attur David Mifsud qed jitlob li z-zewg muturi msemmija fic-citazzjoni jigu registrati fuq ismu peress li Sandra Axisa kienet biss *prestanome* tieghu meta il-muturi gew mixtrija fuq isimha. Skont l-attur dawn il-muturi inxtraw bi flusu ghajr ghall-ammont ta' Lm700 li

ammetta hu stess li hargithom hi. Martu taqbel ma' din it-talba u qablet li l-muturi nxtraw biex hi ma jkollhiex pretensjonijiet fuqhom.

L-attur jikkontendi li l-muturi gew mixtrija minnu, li kien hu li isuq il-muturi, li hu ghandu l-licenzja biex isuqhom,  u li hu kompla jonfoq flus fl-ameljoramenti u *spare parts*. Dawn il-muturi baqghu fil-pussess tieghu wara li ttermina r-relazzjoni minn Sandra Axisa.

**David Mifsud** xehed li "*kont ftehmt ma' Sandra illi kont naghmel fuq isimha certu oggetti li xtrajt sabiex nevita li jkollha jhedd fuqhom il-mara*". Kien anke ghamel kont bankarju bin-numru 16714169014 u *Visa account* bin-numru 4552 4012 0035 5893, it-tnejn mal-Bank of Valletta p.l.c. li kienu ntestati f'isem Sandra Axisa izda li kien jiddepozita fihom is-salarju tieghu. Dawn il-kontijiet, kif ukoll iz-zewg muturi mertu tal-kawza, kienu registrati fuq l-indirizz tieghu fejn kien qed jghix separat mill-mara, cioe` 123, Blanche Huber Street Sliema.[1] Hu esibixxa *deposit slips* originali li juru li iddeposita circa Lm25,472.07 fil-kont bankarju imsemmi. Dawn *id-deposit slips* originali kienu fil-pussess tieghu. Hu zied jghid "*li ghal bidu kienet tuzah (dan il-kont) hi wkoll izda wara ftit xhur hi fethet kont ghaliha u bdiet tuza dak. Ghalhekk Sandra ma kinetx tuzah dan il-kont.*"[2]

Kien hallas ghall-muturi principalment mill-kont imsemmi imma kien ukoll hareg *cash payments,* u esibixxa diversi ricevuti ta' pagamenti ammontanti ghal Lm1470 fuq il-mutur GAQ 787, u LM4685.29 fuq il-mutur MNM 017 gja bin-numru MIG 028.  Hu kkalkula li l-konvenuta harget xi flus *de proprio* fuq il-mutur GAQ 787 biss,  ammontanti ghall-LM700." *Il-konvenuta la ssuq muturi u lanqas ghandha licenzja ghalihom*." Kien hu li hallas il-bilanci li fadal fuq il muturi wara li spiccat ir-relazzjoni mal-konvenuta kif ukoll li nefaq hafna flus fluq f'miljoramenti u *parts* fil-mutur MNM 017[3]. Wara li nfirdu dawn il-muturi baqghu fil-pussess tieghu.

---

[1] Fol.11 tal-process.

[2] Fol.12..

[3] Ibid.

"*Fi Frar ta' 2004 Mr. Peter Axisa, missier Sandra Axisa, kien cempilli u qalli sabiex innehhu l-vetturi minn fuq isem it-tifla tieghu. Jien kont ghidtlu li nixtieq li l-vetturi nqeghedhom fuq isem ohti, Nathalie Mifsud, u hu ma sab ebda oggezzjoni. Jien kont tlabtu biex jikkancella l-insurances li jien kont ghamilt ma' Gasan Mamo u hallast b'cheque sabiex iduru fuq isem Nathalie. Hu mar sal-insurance u kkancellahom."*[4] Fil-fatt kien l-attur li ha r-*refund* tal-*insurance*. Sussegwentement kien sar diskors ma' Peter Axisa fis-sens li qabel ma jittrasferixxi l-muturi fuq isem l-attur, kellu jiehu xi "bicycle" tat-tifla minghand l-attur. F'Mejju 2004, izda, Peter Axisa interpellah biex jghaddilu il-muturi.

L-attrici **Josephine Mifsud**, mart l-attur f'affidavit skjett a fol 14 iddikjarat li kienet taf li zewgha kien qed jaghmel affarijiet fuq isem Sandra Axisa .

Il-verzjoni ta' **Sandra Axisa** tohrog mix-xhiedha taghha b'affidavit[5] fejn hi tghid li l-muturi kellhom jithallsu bin-nofs bejniethom izda spiccat hallset ghall-ewwel mutur hi. Hi ammettiet li l-kont bankarju f'isimha kien jintuza mill-attur filwaqt li fethet kont iehor ghaliha. Fl-ewwel kont kien jiddepozita l-paga tieghu.[6] Meta r-relazzjoni bejniethom tterminaha, hi ma xtaqitx izzomm kuntatti izjed mal-attur u hemmhekk dahal missierha biex jiftiehem mieghu dwar il-pendenzi finanzjarji li kienu "*xi djun li halliha bihom u xi oggetti* "li halliet fid-dar t'ommu. Fost id-dejn kien hemm *overdraft account* miftuh fuq suggeriment tal-attur u li kellu jhallsu l-attur imma li baqa' ma hallsux. In **kontro ezami** ikkonfermat li dan l-overdraft account infetah biex jithallas id-depozitu ghall-mutur Typhoon[7]. Peter Axisa kien jaghmel il-kuntatti biex jirrangaw il-pendenzi finanzjarji ta' bejniethom. Hi kkonfermat li "*huma qablu li jsir it-transfer tal-muturi fuq isem is-Sur Mifsud wara li missieri ikun gabar dak kollu li kien jisthoqqli nkluz li jithallsu d-djun li hallieni bihom u xi affarijiet ohra li kont xtrajt u hallejt id-*

[4] Fol. 13.
[5] Fol..62 et. seq.

[6] Fol.79
[7] Fol.80.

*dar t'ommu."* Kien biss meta l-attur insista li l-ewwel isir it-transfer li "*ddecidejna li ma naghmlux transfer fuq ismu."*[8]

**Peter Axisa** wkoll xehed b'affidavit[9]. Ammetta li hu u martu ma hadux pjacir bir-relazzjoni bejn bintu u l-attur. Ammetta ukoll li Sandra Axisa riedet tittrasferixxi l-mutur fuq isem l-attur soggett illi kull ma ghandha tiehu bhala flus u oggetti jigi settiljat.

**Ikkonsidrat li** jinghad mill-bidu li ghalkemm Sandra Axisa allegat li l-muturi kellhom jinxtraw bin-nofs bejniethom, minn qari tax-xhiedha taghha b'affidavit u in kontro ezami, johrog car li hi agixxiet bhala *prestanome* biss ta' David Mifsud. Fil-fatt il-konvenuta in kontro ezami ammettiet li lanqas kienet prezenti meta l-attur irranga ghax-xiri tas-Suzuki u li parti mid-depozitu ghas-Suzuki kien *bike* iehor Kwasaki. Hi marret biss biex tiffirma[10]. Ukoll ammettiet li bhala parti mid-depozitu ghax-xiri ta' dan il mutur gie kkonsenjat mutur iehor Kawasaki li jirrizulta mixtri mill-attur.[11] Ammettiet li kellu kont bankarju f'isimha u li fih kien jiddepozita l-paga tieghu. Ammettiet ukoll li riedet taghmel *it-transfer* ghal fuq isem l-attur imma missierha kien issuggerixxa li l-ewwel iroddilha lura l-oggetti li kellha u jissettiljaw pendenzi finanzjarji. Dawn kienu jikkonsistu fi hlas ta' dejn li kien hallielha *f'overdraft account* mal-Bank u hlas ta' kontijiet telefonici u xi oggetti zghar li kienet halliet fid-dar ta' ommu. Dwar dawn, izda, ma hemm ebda **Kontro-Talba** u ghalhekk mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tidhol fl-apprezzament taghhom.

Minn imkien ma jirrizulta li hemm xi kontestazzjoni li l-muturi kellhom iduru fuq l-attur in kontrakkambju ghal xi hlas lill-konvenuta ta' sehemha mill-valur ta' dawn il-muturi li wiehed kien jistenna li kieku l-muturi nxtraw mit-tnejn. Minn imkien ma jirrizulta li hi hallset ghall-*upgrading* u ghall-*parts* godda. L-ircevuti u ATM *slips* fl-original inzammew religjozament mill-attur filwaqt li kieku hi hallset taghhom, huwa zgur li kienet izzomm dawn id-dokumenti

---

[8] Fol. 64
[9] Fol.65 et.seq.
[10] Fol. 66
[11] Affidavit fol. 11 tal-process.

hi stess. L-ircevuti ghall-infieq ta' *upgrading* huma ntestati f'isem l-attur li jidher li kien hu ffissat fuq il-muturi. Ukoll il poloz ta' assikurazzjoni relattivi trankwillament gew ikkancellati minn Peter Axisa sabiex jinhargu fuq istruzjonijiet tal-attur. Dan kellu jkun l-ewwel pass ghall-kompletazzjoni tat-trasferimenti. Fil-fatt Peter Axisa spjega li l-iskop tal-ittra tieghu fejn interpella lill-attur biex jghaddilu il pussess tal-muturi kien biss "*biex nipperswadi lis-Sur Mifsud jirranga l-affarijiet u jaghti lil Sandra dak li kien taghha*"[12]

Il-konvenuti nsistew ghat-trasferiment biss biex jassiguraw li l-attur irodd lura l-affarijiet dovuti lilha u jhallas tal-*overdraft account* u kontijiet telefonici li hallielha u mhux ghaliex vantaw xi titlu. Kien ghalhekk li Peter Axisa irrifjuta li jaghmel it-*transfer* ghaliex "*dan seta' idghajjef il-pozizzjoni ta' Sandra u ddecidejna li ma nkomplux it-transfer fuq ismu u minnflok ittrasferejnihom fuq ismi*."[13]

In **kontro-ezami** hu xehed "*Hu kien talabni l-muturi. Id-diskors li ried il-muturi u fair enough il-muturi tehodhom pero` Sandra ghandha d-dues taghha. Fthemna kollox, konna mmorru niltaqghu l-ghassa naghmlu it-transfer. Cempiltlu ghidtlu l-ewwel ghamel dawn l-affarijiet u mbaghad naghmlu t-transfer."* Hu spjega li nehha l-muturi minn fuq isem it-tifla ghax xtaqet li taqta. It-talba biex l-attur ihallas lit-tifla dak li kien taghha giet minghandu "*Hadt l-inzjattiva jiena."*[14]

Lanqas ma jirrizulta li kien hemm intenzjoni li d-dritt ta' proprjeta` tal-muturi ddur fuq Peter Axisa meta dawn daru fuq ismu. Wara li ntemmet ir-relazzjoni bejn David Mifsud u Sandra Axisa, missierha Peter Axisa sar *portavoce* taghha peress li ma ridetx izzomm kuntatti izjed u l-arrangament kien li l-muturi jduru fuq isem David Mifsud purke' li hu jirritorna l-oggetti ta' Sandra Mifsud u jhallsilha l-kontijiet li hallielha. Kien biss meta dan insista li l-ewwel ghandhom isiru t-trasferimenti li Sandra Axisa dawret il-

[12] Ibid.
[13] Fol. 66
[14] Fol.90.

muturi fuq isem missierha . Dan sar biex hi tinqata ' minn mieghu.

Lanqas hemm dubju li l-arrangament dwar ix-xiri tal-muturi sehh ghall-uniku skop li David Mifsud ried jeludi d-drittijiet li kellha martu fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Din l-intenzjoni kompliet peress li l-poloz ta' assikurazzjoni daru mhux f'isem l-attur, imma f'isem ohtu.

Il-konvenuti ssollevaw diversi eccezzjonijiet li ser jigu trattati.

**Nuqqas ta' Kompetenza *rationae valoris.***

Illi l-konvenuti opponew it-taliet attrici billi sostnew preliminarjament l-inkompetenza *rationae valoris* ta' din il-Qorti ghaliex il-valur tal-vetturi *de quo* ma jammontax ghall-aktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5000).

Skont l-**artikolu 747 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sub-artikolu** (1) "*Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata." u fis-sub-artikolu (2) il-legislatur jiddisponi li: "Jitqiesu dejjem bħala li għandhom valur li ma jistax jiġi determinat (inter alia)*

*(ċ) il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba tal-attur, u lanqas ma jista' jiġi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li ġejjin."*

***L-artikolu 748 jghid*** *"Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-*

*(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;*

*(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti."*

Il-partijiet ghall-ewwel qablu fuq hatra ta' perit izda sussegwentement irtiraw din it-talba biex ma jzidux l-ispejjez tal-kawza.

Ma hemm ebda valur stabbilit fic-citazzjoni u f'dan il-kuntest jinghad li l-kawza attrici ghandha fl-ahjar ipotesi valur incert u indeterminat, u dan ghaliex il-valur tal-istess muturi ma johrogx la mit-talba attrici u lanqas mill-artikoli tal-istess Kodici li jitterminaw il-valur tal-istess talbiet. Mill-affidavit tal-attur johrog li l-valur jaqbez il-Lm5000 izda dan mill-affidavit u mhux mic-citazzjoni stess. Ghalhekk skont l-**artikolu 747 tal-Kap. 12** tali kawza hija fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

Illi dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Joseph Vella vs Joseph Lautier"** (A.C. – 3 ta' Dicembru 2004) fejn inghad li:-

*"Il-kompetenza rationae valoris tiddependi mill-att ta' citazzjoni. Ghalhekk meta c-citazzjoni tikkontjeni talba li taqa' fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, dik il-Qorti xorta tibqa' kompetenti anke jekk jigi likwidat ammont li jkun barra mill-margni tal-kompetenza tal-Qorti".*

Illi dan l-insenjament gie segwit mill-gurisprudenza nostrali nkluza dik fil-kawza fl-ismijiet **"Giuseppi Gatt vs Carmelo Mifsud"** (A.C. – 4 ta' Novembru 1963, dik fl-ismijiet **"Joseph Psaila et vs Joseph Cutajar et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008 u wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **"World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited"** (P.A. (JRM) – 1 ta' April 2003) u **"Joseph Psaila et vs Joseph Cutajar et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008).
Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-Tieni Eccezzjoni**

Il-konvenuti talbu l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju ta' Peter Axisa in kwantu li hija Sandra Axisa biss li fic-citazzjoni ntalbet li tirrispondi ghat-talbiet tal-attur.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li eccezzjoni bhal din titlaq ‘il hinn mid-direzzjoni l-iktar recenti tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna li, sabiex jigu evitati litigji molteplici u spendjuzi, qeghdin jitbeghdu minn formalismu esagerat li eccezzjoni bhal din tirraprezenta.

Hawnhekk il-kompitu tal-Qorti hija li tara li ma hemmx pregudizzju ghad-drittijiet ta' konvenuti f'kawza li ghandhom ikunu jafu ghal xiex inhuma msejhin biex ihejju id-difiza taghhom. Fil-kaz in ezami johrog kemm mill-kawzali li Peter Axisa hu msejjah direttament bhala parti peress li l-muturi huma registrati fuq ismu u sahansitra gie interpellat direttament li jersaq ghat-trasferiment u qed tintalab kundanna diretta tieghu fit-tieni talba. Din il-Qorti tiddezumi li l-mod kif inhi mfissra it-talba kien biss *lapsus* fir-redazzjoni tac-citazzjoni ghaliex huwa evidenti li Peter Axisa msejjah biex iwiegeb ghat-talbiet attrici li jolqtu lilu wkoll.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

**It Tielet Eccezzjoni**

Illi bit-tielet eccezzjoni l-konvenuti issollevaw in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenut Peter Axisa li qatt ma ppartecipa f'ebda ftehim mal-atturi. Illi ghalhekk il-konvenut Peter Axisa qed isostni li mhuwiex il-legittimu kontradittur peress li ma kien hemm ebda ftehim dirett mal-atturi.

*Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta’ Jannar 2007 fl-ismijiet* ***‘Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma et vs Emanuel Grixti’*** *jinghad li “b’relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta’ rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu’ ta’ liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista’ tkun wahda kemm ‘di dare’ jew ‘di fare’ jew ‘di non fare’. Tali rapport obbligatorju jista’ jkun wiehed f’sens strett u jista’ jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha.”*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-*

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Illi anke din l-eccezzjoni ma treggix skont il-fatti. Jirrizulta mill-provi li l-muturi, mertu ta' din il-kawza, gew registrati fuq isem Peter Axisa mhux bhala terz akkwirent *in bona fede* tal-istess, imma semplicement biex bintu tinqata mill-htiega li jkollha kuntatti diretti mal-attur David Mifsud u jkompli jzomm dawn il-kuntatti hu minflokha. Fil-fatt diskorsi saru bejnu u bejn l-attur dwar it-trasferimenti. Peress li l-muturi huma registrati fuq ismu, kwalsiasi talba ghat-trasferiment bilfors ghandha tigi rivolta kontrih

personalment biex ikollha sahha ezekuttiva f'kaz li tigi akkolta.

Illi ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ir-Raba' Eccezzjoni.**

Il-konvenuti ssollevaw eccezzjoni ohra fuq il-mertu fis-sens li kull arrangament li sar bejn l-attur u l-konvenuta hu vizzjat *stante* li sehh fl-ambitu ta' konkubinagg u ghalhekk ma kellux kawza lecita.

Illi l-**artikolu 987 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** jistipula illi:-

*“L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett”.*

Illi din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **“Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et noe**” (Cit. Nru. 729/91) deciza fit-18 ta’ Mejju, 1993 (konfermata fl-Appell fl-14 ta’ Novembru, 1996) qalet li sewwa jinghad illi hu pacifiku fil-gurisprudenza illi:

*"Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula b’ kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija projbita mill-ligi jew kuntrarju ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali."*

*"Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista' tigi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Vol. XLI, P.I, p.684 u p.694)”.*

*"Quando il fatto e' illecito, la legge non riconosce alcun alla convenzione; e' una obligazione fondata su causa illecita, poiche' la causa si confonde coll'oggetto dei contratti; e quando la causa e' illecita, l'obbligazione e' inesistente e non puo' avere alcun effetto* ***(Laurent, Vol. XXVII, Para. 402)."***

Illi tal-istess portata huma wkoll is-sentenzi riportati f’ Vol. XXXIV, p.632, Vol. XXXII,p. II, p. 574; Vol XXIX, p. III, p.

152 u Vol XXII,p. I, p. 193. F'din l-ahhar sentenza citata hekk hu stabbilit li:-

*"Nessun atto, per quanto liberamente consentito e talora, ripetuto,e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad un'obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico."*

Il-Qorti ma tistax ma tiehux din l-okkazzjoni biex tosserva li l-izviluppi socjali tul dawn l-ahhar snin, li proprju jaghtu rikonoxximent legali ghal rabtiet bejn membri ta' familja naturali, u mhux biss familja bbazata fuq iz-zwieg, u sahansitra ammendi legali li jaghtu rikonoxximent lill-relazzjonijiet extra-maritali ghall-skopijiet ta' ghajnuna socjali, bilfors ser iwasslu eventwalment ghall-apprezzament gdid tat-tifsira ta' moralita` u ghemil xieraq.

Izda l-Qrati taghna gja qed jaghmlu distinzjonijiet bejn atti maghmula in kontrakambju ta' pjaciri intimi bejn koppja u atti ohra li mhumiex hekk motivati.

Il-Qorti diversament presjeduta gja fis-sena 1960 fil-kawza ***Antonio Schembri v Inez Wicker*** [15] irritieniet li" "*Din il-Qorti hija edotta li skont id-duttrina, ir-rigali u affarijiet ohra li l-konkubin jaghti lil konkubina, u vice versa, mhux necessarjament u assolutament jista ' ikun ritenut li gew moghtija ghal dawk il-favuri intimi; u l-karattru u skop ta' dawk id-donattivi jew, bhal f'dan il-kaz, servigi, jiddependi mill-provi u konvincement morali u jitnissel fil-gudikant minn dawk l-istess provi."*

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lamb"** (P.A. (VCC) – 29 ta' Marzu 1955) fejn inghad li "*f'kawza fejn tintalab ir-restituzzjoni ta' flus allegatament mislufa, u fejn tigi eccipita n-nullita' ta' l-obbligazzjoni minhabba kawza llecita, ghaliex il-partijiet kienu f'relazzjoni ta' konkubinat, mhux tant ta' importanza z-zmien meta jkunu gew moghtija l-flus, jigifieri naturalment meta jkunu gew moghtija fiz-zmien meta kien qed isehh dan il-konkubinat, izda dak li huwa mportanti*

[15] PA 22 ta' Gunju 1960 per Imhallef. A.V. Camilleri

*huwa jekk il-kawza tal-ghoti tal-flus ikunux inghataw minhabba l-konkubinat jew rapport dirett mal-istess. Dan ghaliex jekk il-flus ikunu gew mislufa bhala negozju ndipendenti, avolja fiz-zmien tal-konkubinat, in-negozju huwa validu u din hija kwistjoni ta' fatt li trid tigi gudikata skont il-fattispecie tal-kaz mill-gudikant*."

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li ma kien hemm ebda intenzjoni mill-partijiet li l-muturi jew jigu regalati lill-konvenuta, jew b'xi mod trasferiti lilha. Il-ftehim bejn il-partijiet kien biss li Sandra Axisa tidher bhala *prestanome* ghall-akkwist tal-muturi mertu tal-kawza .

Illi ghalhekk u ghal dawn il-motivi, anke r-raba' eccezzjoni qed tigi respinta.

**Il-Hames Eccezzjoni.**

Il-konvenuti regghu issollevaw in-nullita` tal-ftehim bejn il-kontendenti *stante* kawza illecita peress li dan il-ftehim biss kien intiz biss biex jeludi d-drittijiet ta' l-attrici Josephine Mifsud.

Il-principju generali li tiggwidana hija dik ta' *fraus omnia corrumpit* u ma hemmx dubbju li ftehim jippekka meta jkollu bhala *causa* tieghu l-intenzjoni frawdolenti. Il-Qorti taqbel mat-tezi tal-konvenuti li ma tistax tassisti sabiex l-attur *"jevadi obbligi jew responsabbiltajiet impost fuqu mil-ligi, biex b'hekk igawdi vantagg fuq terzi, li f'dan il-kaz tahbat il-mara ta' l-attur stess."*[16] Fil-fatt David Mifsud stess ammetta li l-ftehim sehh biex jevita li l-mara jkollha jhedd fuq l-oggetti li nxtraw.[17]

Izda hawnhekk il Qorti tosserva li l-kaz mhuwiex biss bejn il-kontraenti imma huwa istitwit <u>minn</u> Josephine Mifsud, li f'kaz li jirrizulta l-esistenza tal-ftehim tal-mandat, tikkostitwixxi hi stess il-parti leza.

---

[16] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti a fol. 123 tal-process.
[17] Vide affidavit ta' David Mifsud.

Ghalhekk jekk din l-eccezzjoni tigi akkolta, ser ikollha per konsegwenza l-assurdita' li l-parti leza, cioe` Josephine Mifsud, ma tkunx tista' li tirreklama dak li hu taghha billi inxtraw bi flus tal-komunjoni (is-salarju ta' zewgha) kontra il-persuna li kienet komplici, jew almenu kopartecipi volenturuza ma' zewgha fl-evazjoni tad-drittijiet taghha. Dan ma jkun jaghmel ebda sens guridiku ghaliex anke l-konvenuta tkun b'hekk qed tigbed beneficcju immeritat.

Din is-sitwazzjoni tinsab indirizzata minn *Planiol et Ripert*[18]li jghidu "*La meme nullita frappe aussi les prete-nom qui visent a' frauder les tiers, en constituant fictivement ,sur la tete du prete-nom, les biens que la mandant, veritable proprietaire, veut soustraire a' l'action de ces tiers",* u jsemmu, per ezempju, id-debitur li jrid jeludi d-drittijiet tal-kredituri tieghu, jew anke persuna mizzewga li trid tevadi d-drittijiet tal-komunjoni jew tas-sieheb jew siehba fiz-zwieg. Filwaqt li jsostnu li jekk il-prestanome huwa null, null wkoll huwa l-att esegwit mill-mandatarju, in-nullita` ghandha tigi ssollevata mit-terzi *in bona fede*." *A l'inverse, cette nullite' ne surait etre invoquee par les parties contre les tiers de bonne foi, victimes de la simulation frauduleuse".* Jispetta lit-terz *in bona fede* biex jiddeciedi jekk ghandux jinvoka n-nullita` kontra l-*prestanome* u l-mandanti u jsegwi li l-konvenuta ma tistax tissolleva din in-nullita f'azzjoni istitwita minn Josephine Mifsud.

Ghal dawn il-motivi l-hames eccezzjoni hija wkoll michuda.

**Is-Sitt eccezzjoni**

Tibqa' is-sitt eccezzjoni fis-sens li l-muturi nxtraw minn Sandra Axisa u David Mifsud flimkien .

Illi din il-Qorti gja ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar is-sehem tal-konvenuta fix-xiri tal-karrozzi *ante* u ghalkemm Sandra Axisa fix-xhiedha taghha ddikjarat li l-muturi kellhom jinxtraw bin-nofs, f'ebda hin ma saret talba

[18] *Traite' Pratique de Droit Civil Francais (1954 ed) Vol. XI para 1504 et seq.*

minnha jew anke minn missierha, li tithallas *quantum* bhala sehemha mill-valur taghhom. Li kieku nxtraw minnha wkoll, zgur li kienet tivvanta din it-talba bhal ma insistiet, personalment u *tramite* missierha, mal-attur li jhallsilha d-dejn li hallielha u jrodd lura xi oggetti li halliet fid-dar ta' ommu. Anzi l-fatti juru l-oppost ghaliex qatt ma kien hemm kontestazzjoni li l-muturi ghandhom iduru fuq isem David Mifsud. Hi stess ammettiet li marret biss *biex tiffirma* meta inxtara s-Suzuki. Hi la issuq muturi u lanqas ghandha licenzja. Il-kontestazzjoni kienet biss dwar il-mument meta kellha ssir ir-registrazzjoni (wara li tiehu l-oggetti taghha u jhallsilha l-kontijiet). Peter Axisa fil-fatt xehed" li ried biss *jpperswadi lis-Sur Mifsud jirranga l-affarijiet u jaghti lil Sandra dak li kien taghha"*[19].

Illi ghalhekk b'applikazzjoni tal-insenjament hawn iċċitat, għalkemm il-ftehim ta' *prestanome* ma jeħtieġx li jkollu xi forma partikolari, fil-kaz in ezami hu cert li dan il-ftehim bejn David Mifsud bhala il-mandant, u Sandra Axisa bhala il-mandatarja kienet teżisti.

Fid-dawl ta' dan kollu, u skont l-insenjament tal-Qrati taghna, jibqghu jissussistu l-effetti tal-att maghmulin mill-*prestanome* li ivesti immedjatament u direttament f'isem il-mandant il-proprjeta` akkwistata. Ara f'dan is-sens **Judith Lucchesi noe vs Rita Sultana pro et noe et"** A.C. - 3 ta' Diċembru 2004.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Norman Bezzina vs Anthony Caruana"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Marzu 2003) fis-sistema legali taghna nsibu wkoll dak li jissejjah il-mandatarju *prestanome* li gie deskritt hekk:-

*"Illi l-mandatarju prestanome huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta' mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta' tal-haga immobili, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta' tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-*

[19] Ibid.

*terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."* (**"Antoine Vassallo vs Robert Vassallo"** (P.A. (JRM) – 7 ta' Lulju 2011); **"Victor Pisani vs Grazio Mizzi et"** (P.A. (TM) – 19 ta' Ottubru 2007); **"Profs Anthony J. Mamo noe vs Nobbli Charles Sant Fournier noe"** - 2 ta' Mejju 1957 – Vol.XLIB.i.298).

Illi fis-sentenza **"Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia"** (P.A. – 20 ta' Novembru 1953) jirrizulta car li l-Qorti ghandha tinvestiga dwar x'kienet l-intenzjoni tal-mandatarju li jakkwista f'ismu proprju meta xtara u nfatti l-Qorti qalet hekk: -

*"Gie deciz, infatti, illi 'il mero fatto di avere il mandatario stipulato l'acquisto di una cosa mobile o immobile in nome proprio, anziche' in quello del mandante, non impedisce che il dominio della cosa stessa passi direttamente dal venditore nel mandante, quando e' provata l'esistenza del mandato e non e' messo in dubbio che il mandatario, nel fare l'acquisto, ebbe di mira di eseguire il mandato" (C. Roma 4 Marzo 1882**, Conti c. Felici**, riportata fil-**Fadda,** Vol.IX, pag 738, no.69);"*

Hemm opinjoni kuntrarja hija sostnuta minn diversi awturi ohra. *"Dawn ipartu mill-principju illi l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in bwona fede, u jsostnu li, ghalkemm lill-mandant ma jikkompeti ebda dritt reali fuq il-fond akkwistat mill-mandatarju bis-sahha tal-mandat, pure jirrikonoxxu fil-mandant l-azzjoni personali <mandati directi> kontra l-mandatarju, sakemm il-fond jibqa' fil-poter tal-mandatarju, sabiex jikkonsenjalu l-fond akkwistat. Din it-teorija hija suffragata mill-awtorita' tal-**Pothier (Mandato**, Lib.II,sez.III, para.2, no.59). 'Se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si e' incaricato del mio mandato, e che ha comperato, e che si e' fatto consegnare la cosa, deve*

*restituirmela, ancorche' ne avesse fatto l'acquisto in suo nome'. L-istess haga jghid* ***Laurent, Principi di Diritto Civile****, Tomo XXVIII,para.61 :- '……..il mandatario, sebbene tratti in nome proprio, rimane obbligato verso il mandante, ammenocche' non abbia rinunziato il mandato. Sinche' il mandato sussiste, il mandatario e' tenuto ad esiguirlo; dunque quando tratta con un terzo, quantunque in nome proprio, si presume che, rispetto al mandante, egli abbia trattato nell'interesse di questo, e che abbia fatto la cosa di cui era incaricato' u l-****Baudry-Lacantinerie, Del Mandato****, para. 608 :- 'Se il mandatario ha contrattato in nome proprio, egli deve surrogare il mandante nei diritti acquisiti' (v. pure* ***Chironi, Diritto Civili,*** *Studi, Vol.III, pag.149);*

*Fl-istess sens gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell ta' Milano fit-30 ta' Dicembru 1869, Ricci XXI.2.1630, riportata fl-imsemmija sentenza* ***"Galea vs Gauci",*** *mill-C. Torino fit-13 ta' Marzu 1885, Airaldi c.Robert, Annali 1885,213,riportata fil-Fadda, Vol.IX,pag.738, no.63, u A. Calabrie 23 ta' Gunju 1871,* ***Pisani vs. Colerno, Fadda****, ibidem 83;*

*Din ukoll tidher li kienet il-fehma tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza citata* ***'Galea vs Gauci'."***

Illi dan l-insenjament ġie ribadit f'diversi sentenzi oħra fosthom fis-sentenza **"Philip Cauchi vs Doris Pace"** (P.A. (TM) – 28 ta' Novembru 2008); **Yvonne Borg vs Christopher Borg"** (A.C. - 25 ta' Gunju 2010); **"Carmel sive Charlie Saliba et vs Benigno sive Benny Saliba et."** (M (Ghaw) - 1 ta' Ottubru 2009); **"Rosario Agius et vs Carmelo sive Charles Agius et"** (A.C. – 26 ta' Gunju 2009); **Victor Pisani vs Grazio Mizzi et"** – A.C. – 29 ta' Jannar 2010.

Illi l-attur ammetta li l-konvenuta harget LM700 ghax-xiri ta' mutur wiehed. Dwar dan, u dwar il-pretensjonijiet l-ohra ma hemm ebda kontro-talba u l-Qorti ghalhekk ma tista tillikwida ebda kreditu favur il-konvenuta.

Il-Qorti bilfors ghandha tosserva li l-konvenuta, u missierha, li kien involut fid-diskors dwar il-muturi, setghu facilment jiddeducu t-talbiet taghhom jew b'Kontro-Talba appozita jew permezz ta' kawza separata quddiem il-Qorti kompetenti. Dan ma ghamluhx bir-rizultat li spiccaw f'kawza u spejjez bla bzonn.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa'** it-talbiet tal-atturi u tiddikjara li Sandra Axisa agixxiet fl-interess esklussiv bhala *prestanome* tal-attur David Mifsud meta kitbet zewg muturi bin-numri GAQ-787 u MNM - 017 fuq isimha, liema muturi huma proprjeta` tal-atturi**; u fit-tieni lok tikkundanna** lill-konvenut Peter Axisa sabiex sa mhux iktar tard mill-ghoxrin (20) ta' Marzu 2013 jaddivjeni ghall-atti kollha utli u necessarji sabiex il-proprjeta` tal-imsemmija muturi ddur fuq isem l-attur David Mifsud, u fin-nuqqas, qed tinnomina lil Dr. Lara Dimitrievic bhala kuratur deputat biex tidher ghall-eventwali kontumacja ta' Peter Axisa.

L-ispejjez kollha tal-kawza jigu sopportati mill-konvenuti indaqs bejniethom ghajr ghall-ispejjez tal-kuratur li ghandhom jigu sopportati minn Peter Axisa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------